**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

## GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA 15 TA' JANNAR, 2002**

**Numru: 11**

**Avviz Nru: 1412/01 AE**

**Michelle Handley f'isimha proprju
u ghan-nom u in rapprezentanza tat-
tfal minuri taghha Warren u Arianna**

**vs**

**Silvio Muscat.**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-attrici talbet il-hlas tas-somma ta' tlett mija u ghoxrin lira Maltija (Lm320), hlas dovut

ghal manteniment skond kuntratt ta' separazzjoni datat 5 ta' Gunju 2001.

Semgha l-provi u ra l-atti tal-kawza.

Ikkunsidra:

1. Permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni li gie ppubblikat min-nutar Dr. Elisa Falzon fil-5 ta' Gunju 2001 (fol. 3), il-konvenut obbliga ruhu li jhallas is-somma ta' :

(a) hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25) fil-gimgha manteniment ghal uliedu Warren u Arianna, b'dan li *"whenever the husband is unemployed said weekly maintenance shall be reduced to ten Maltese Liri (Lm10) payable as aforesaid"*.

(b) hames liri Maltin (Lm5) fil-gimgha manteniment lil martu.

2. Fis-seduta tal-14 ta' Dicembru 2001 il-konvenut deher quddiem it-Tribunal mhux assistit u ddikjara li ma kienx f'qaghda finanzjarja li jhallas ir-retta alimentarja li l-partijiet ftehmu dwarha fil-kuntratt.

3. Fis-seduta tat-8 ta' Jannar 2002 il-konvenut xehed li:

(a) Minn Frar sa Awissu 2001 huwa ma kienx qieghed jahdem;

(b) Matul dan il-perjodu xorta kien qieghed ihallas ghaxar liri Maltin (Lm10) fil-gimgha, bhala manteniment. Il-hlas kien isir mill-flus li kien jircievi bhala ghajnuna socjali.

(c) Wara li rega' beda jahdem, rega' beda jhallas il-manteniment b'mod regolari u hallas circa s-somma ta' mitejn lira Maltija (Lm200).

(d) Ma kienx jinghata ricevuta tal-hlas.

(e) Qatt ma rcieva ittri li permezz taghhom gie nterpellat ihallas xi manteniment.

(f) Qieghe ihallas ukoll nofs l-ispejjez tat-trasport, spejjez medici u xiri ta' hwejjeg.

4. L-avviz tat-talba gie prezentat fis-7 ta' Novembru 2001. Mid-data tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt (5 ta' Gunju 2001) sas-7 ta' Novembru 2001 ghaddew tlieta u ghoxrin (23) gimgha.

5. L-attrici xehdet fis-seduta tat-8 ta' Jannar 2002 u ddikjarat li:

(a) mid-data tal-kuntratt ma thallasx manteniment. Il-konvenut hallas biss sehemu mill-ispejjez li jissemmew fi klawzola 3(m) tal-kuntratt;

(b) matul ix-xhur ta' Gunju u Lulju 2001 il-konvenut ma kienx qieghed jahdem. Huwa rega' beda jahdem f'Awissu 2001;

6. Huwa maghruf li *iuxta allegata et probata*. F'dan il-kaz huwa l-konvenut li ghandu l-oneru li jaghti prova tal-hlas; *"hu principju mhux kontrastat in materja, infatti illi 'la prova del pagamento e' a peso del convenuto che lo allega', kif kienet iddecidiet il-Qorti tal-Kummerc fis-sentenza taghha tat-28 ta' Mejju 1885 fil-kawza Negte. Michele Apap noe vs Giuseppe Grech. Fil-gurisprudenza taghna gie kostantement ritenut li l-piz tal-prova tal-pagament hu fuq il-konvenut li jallegah,* ***u li jekk ikun hemm xi dubbju, dak id-dubbju ghandu jigi rizolt favur l-attur*** *(Vol. XXXV.iii.60)*" – **John Cini vs Rita Camilleri** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-28 ta' Lulju 1982.

7. It-Tribunal m'huwiex sodisfatt li l-konvenut rnexxielu jaghti prova u jissostanzja li ghamel il-hlas li qieghed jintalab f'dawn il-proceduri u li wara kollox obbliga ruhu li jhalla in forza tal-kuntratt ta' separazzjoni li gie ffirmat fil-5 ta' Gunju 2001. Meta deher quddiem it-Tribunal fis-seduta tal-14 ta' Dicembru 2001 u gie mitlub jiddikjara ghal liema raguni irid jikkontesta dawn il-proceduri, u ddikjara li kien ma kienx f'qaghda finanzjarja li jhallas. Fl-ebda stadju ma ecepixxa l-

hlas, ghalkemm kellu kull opportunita. Fil-kors tax-xhieda tieghu huwa ghazel li jbiddel il-verzjoni.

8. Mill-provi jirrizulta li matul ix-xhur ta’ Gunju, Lulju u Awissu 2001, il-konvenut ma kienx qieghed jahdem. Ghalhekk skond dak li gie miftiehem bejn il-kontendenti, il-manteniment dovut huwa fl-ammont ta’ ghaxar liri Maltin (Lm10) fil-gimgha ghall-minuri u hames liri Maltin (Lm5) fil-gimgha ghall-attrici. Minn meta l-konvenut rega’ sab impjieg, il-manteniment jerga’ jawmenta ruhu ghas-somma ta’ hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25) fil-gimgha ghall-minuri u hames liri Maltin (Lm5) ghall-attrici.

9. Kalkolu tal-manteniment dovut lill-attrici ghall-perjodu in kwistjoni, jaghti s-somma ta’ erbgha mija u hamsa u disghajn lira Maltija (Lm495), igifieri:

- Gunju sa Awissu 2001 – mija u hamsa u disghajn lira Maltija (Lm195) ghal tlettax-il gimgha;

- Settembru sas-7 ta’ Novembru 2001 (data tal-prezentata ta’ l-avviz tat-talba) – tlett mitt lira Maltija (Lm300) ghal ghaxar gimghat.

It-Tribunal irid isemmi li fl-avviz tat-talba l-attrici talbet il-hlas tas-somma ta' tlett mija u ghoxrin lira Maltija (Lm320) jew *"somma verjuri"* [ghalkemm f'dik il-parti ta' l-avviz fejn l-attur huwa mitlub jindika l-ammont mitlub, tissemma biss is-somma ta' tlett mija u ghoxrin lira Maltija (Lm320)]. B'danakollu meta xehdet l-attrici fis-seduta tat-8 ta' Jannar 2002 iddikjarat li *"**qieghda nitlob l-hlas tas-somma ta' tlett mija u ghoxrin lira Maltin minghand zewgi il-konvenut.** Dan jirreferi ghall-manteniment mid-data li gie iffirmat il-kuntratt tas-separazzjoni, igifieri mill-5 ta' Gunju 2002, sa meta giet prezentata l-kawza"*.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' tlett mija u ghoxrin lira Maltija (Lm320).

L-ispejjez (inkluzi d-drittijiet legali) huma a karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**

**Gudikatur**